MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Settembru, 2014

Numru 495/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**v.**

**Sebastian Gatt**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra Sebastian Gatt, bin Joseph u Maria Dolores nee' Xuereb, imwieled fi-12 ta' Awwissu 2013 u residenti Alba, Triq il-Belliegha, Rabat, Għawdex, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 34494, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

> 1. talli nhar it-12 ta' Awwissu 2013, għall-ħabta tal-03.25 hrs, opera u/jew mexxa u/kien responsabbli mill-gestjoni tal-Istabbiliment maghruf bhala Kyra's Inn li jinsab fi triq l-Marina, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, u f'dawn il-gzejjer bi ksur tal-artiklu 43(1)(a) tal-Att ta' l-1999 dwar servizzi tal-ivvjaggar u tat-Turizmu ta' Malta Kap 409 u bi ksur

tal-artikoli 43(1) u 17 tal-AL 175 ta' 2004 dwar stabbilimenti li jipprovdu ikel, mexxa jew opera jew halla li tigi operata jew titmexxa attivita turistika minghajr ma kellu licenzja mahruga lilu mill-Awtorita Kompetenti;

2. bi ksur tal-AL 1 ta' 2006 artiklu 38(2)(D) daqq mużika amplifikata b'kull mezz gewwa l-imsemi post kummercjali wara l-23.00 hrs minghajr licenzja mill-Awtorita' Kompetenti;

3. u aktar talli opera l-imsemmi stabbilimnet li jipprovdi l-ikel, jew ippermetta id-daqq ta' muzika gholja, strumenti ta' muzika u/jew l-uzu ta' loudspeaker u/jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment imsemmi minghajr licenzja jew permess mill-Awtorita Kompetenti.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mogħtija fil-5 ta' Novembru, 2013 li biha, filwaqt li fuq nuqqas ta' provi lliberat lill-imputat mill-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, wara li rat l-artikolu 18(1)(a) tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 38(2)(a), 38(2)(d) u 53 tal-Leġisslazzjoni Sussidjarja 441.07 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu ammenda komplessiva ta' mija u tmenin ewro (€ 180.00).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali pprezentat fid-19 ta' Novembru, 2013 li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn Sebastian Gatt instab ħati u tħassarha u tirrrevokha fejn ma sabitux ħati tal-ewwel imputazzjoni u minflok issibu ħati wkoll tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement timponi piena aktar idoneja skont il-liġi.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom l-affidavits u d-dokumenti esebiti. Il-Qorti fil-25 ta' April 2014 semgħet ukoll lil Dr. Joseph Grech għall-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta u lil Mark Rapa bħala rappreżentant tad-Dipartimet tal-Kummerċ, li ġew prodotti biex jixhdu *viva voce* quddiemha. Fis-6 ta' Gunju 2014 semghet ukoll lil Kenneth Cutajar in difeza.

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-12 ta‘ Awwissu 2013 f’Marsalforn Għawdex għall-ħabta tat-3.25 am PC 1549 J. Bajada kien qiegħed jagħmel ir-ronda fi Triq Marina u meta kien f’distanza ta‘ xi tletin metru bogħod sema xi ħsejjes ta‘ mużika ġejjin mill-uniku ħanut li kien għadu miftuħ, u ċioe‘ Kyra’s Inn, izda sakemm wasal fil-hanut imsemmi l-muzika waqfet. Huwa saqsa ghal min kien inkarigat mill-hanut u gie avviċinat mill-imputat Sebastian Gatt . PC 1549 staqsieh jekk kellux liċenzja ta‘ substitute u Gatt wieġbu li ma kellux. PC 1549 saqsa lil Gatt ghall-persuna licenzjata Kenneth Cutajar izda Gatt irrispondih li ma kienx jaf fejn kien. Allura PC 1549 informa lil Gatt li kien ser jirrapportah talli kien daqq mużika wara l-11.00 pm li kienet tinstema‘ minn barra u li kien qiegħed imexxi l-imsemmi stabbiliment mingħajr il-liċenzja meħtieġa. PC 1549 telaq minn fuq il-post għaliex ġie msejjah fuq xogħol ieħor iżda aktar tard rritorna fuq il-post ta‘ Kyra’s Inn ma‘ PS 1407 u ordnaw lil Gatt jagħlaq il-ħanut u Gatt hekk ghamel. Għal xi s-14.30 hrs PC 1549 sab lil Kenneth Cutajar quddiem il-Kyra’s Inn u avzah x’kien gara aktar kmieni dak il-lejl u qallu li kienu ser jittieħdu passi legali kontra tiegħu għall-imputazzjonijiet li bihom ġie eventwalment imputat.

**Ikkunsidrat:**

**6.** L-aggravji tal-appellant jikkonsistu sostanzjalment fis-segwenti:

1. l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha bħala riżultat ta‘ apprezzament żbaljat tal-provi tant li fl-istess data li lliberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni li opera u/jew mexxa u/kien responsabbli mill-gestjoni tal-istabbiliment in kwistjoni minghajr il-licenzja mehtiega sabet lill-persuna licenzjata Kenneth Cutajar hati talli ppermetta lill-istess imputat jaghmilha ta‘ sostitut minghajr ma kellu licenzja mill-Awtorita‘ Kompetenti;

2. la darba l-ewwel Qorti sabel lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni il-Qorti ma kellhiex alternattiva ħlief li ssib lill-imputat ħati wkoll tal-ewwel imputazzjoni.

**7.** In kwantu għal**l-ewwel aggravju**, il-ġurisprudenza hi ben stabbilita fis-sens li li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b’mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta’ dik il-Qorti fl-eventwalita’ biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**8.** Mill-affidavit ta' PC 1549 J. Bajada rriżultaw il-fatti li ġew esposti aktar kmieni f'din is-sentenza[1]. Mill-istess affidavit, għalhekk, jirriżulta li ghall-habta tat-3.25 am PC 1549 minn distanza ta' xi tletin metru bogħod mill-istabbiliment ta' Kyra's Inn sema' xi ħsejjes ta' mużika li huwa jsostni kienu ġejjin mill-istabbiliment imsemmi, li skont hu kien l-uniku ħanut li kien għadu miftuħ, izda meta wasal il-hanut il-muzika kienet waqfet. Jirriżulta wkoll li meta PC 1549 wasal il-hanut ta' Kyra's Inn huwa saqsa ghal min kien inkarigat mill-hanut u kien l-imputat Sebastian Gatt li pprezenta ruhu. PC 1549 informa lil Gatt li kien ser jirrapportah talli kien daqq mużika wara l-11.00 pm li kienet tinstema' minn barra u li kien qiegħed imexxi l-imsemmi stabbiliment mingħajr il-liċenzja meħtieġa. Mill-affidavit ma jirriżultax x'kienet ir-reazzjoni tal-imputat għal dak li ntqal lilu minn PC 1549. PC 1549 telaq minn fuq il-post għaliex ġie msejjah fuq xogħol ieħor iżda aktar tard rritorna fuq il-post ta' Kyra's Inn ma' PS 1407 u ordnaw lil Gatt jagħlaq il-ħanut u Gatt hekk ghamel.

**9.** Ir-rappreżentanti uffiċjali li xehedu kkonfermaw f'Kyra's Inn ma setgħetx tindaqq mużika amplifikata.

**10.** Meta xehed Kenneth Cutajar quddiem din il-Qori dan sostna li f'Marsalforn huwa għandu żewġt negozji konsistenti f'restaurant jismu L-Aragosta u ieħor lounge maġembu u li jismu Kyra's Inn. Huwa stqarr li joqgħod viċin l-istess ħwienet, kemm jaqbeż parapett. L-imputat innega dak li xehed PC 1549 u sostna li ma hux minnu li fit-3.00 am l-ħwienet kienu magħluqin peress li fil-ġimgha ta' Santa Marija f'Għawdex il-ħwienet qatt ma jagħlqu f'dak il-ħin Huwa sostna wkoll li fid-data tal-imputazzjoni, u ċioe' fit-12 ta' Awwissu 2013, għal xi t-3.00 am fl-Aragosta kellu xi birthday party jew xi attivita' simili u mat-3.15 am jew it-3.30 am beda jipprepara biex in-nies joħorġu għaliex l-istabbiliment Aragosta seta jibqa' miftuħ sal-erbgħa. F'daqqa waħda ġiet karozza li bdiet iddoqq mużika għolja quddiem il-ħanut tiegħu u wara li għabbiet xi nies telqet. Żied jgħid li bħala mużika kellu sal-11.00 pm, background sas-siegħa u li l-pulizija marret fuq il-post x'ħin il-karozza kienet telqet minn fuq il-post. Għalkemm fil-kontroeżami Kenneth Cutajar ma kienx

[1] Ara paragrafu 5 *supra*

għal kollox skjett, u anzi kien piuttost evażiv, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tiskossa l-verżjoni tiegħu fuq riprodotta jew tinduċih jisposta ruħu minnha.

**11.** L-appellant jallega li r-raguni ghala l-ewwel Qorti lliberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni hi li l-ewwel Qorti kienet tal-fehma li ma saritilhiex prova sodisfacenti li l-imputat appellat kien qed jopera u/jew imexxi u/jew kien responsabbli mill-gestjoni tal-istabbiliment Kyra’s Inn minghajr ma kellu licenzja mahruga lilu mill-Awtorita’ Kompetenti u dan meta fl-istess data li inghatat is-sentenza fil-konfront tal-imputat odjern hija tat is-sentenza taghha fil-kaz fil-konfront ta’ Kenneth Cutajar u sabet lil dan tal-ahhar hati talli halla lill-imputat hawn appellat jaghmilha ta’ substitute minghajr ma kellu licenzja mill-Awtorita’ Kompetenti. Dan l-appellant jghidu sabiex juri li l-ewwel Qorti kkontradiciet ruhha meta lliberat lill-imputat appellat mill-ewwel imputazzjoni.

**12.** Tenut kont tal-fatt li l-ewwel Qorti ma tat ebda raguni ohra hlief li l-ewwel imputazzjoni “ma gietx sodisfacentment pruvata” din il-Qorti ma hix ser tispekula dwar f’hix kienet tikkonsisti l-karenza ta’ provi rilevata mill-ewwel Qorti dan anki minhabba l-mod ghal kollox inutilment komplikat u infelici kif hi redatta l-ewwel imputazzjoni li fl-ewwel parti taghha titkellem semplicement dwar “Kyra’s Inn” u ssir riferenza ghall-artikolu 43(1)(a) tal-Att tal-1999 Dwar Servizzi tal-Ivvjaggar u tat-Turizmu ta’ Malta, liema dispozizzjoni titkellem dwar “attivita’ turistika”, filwaqt li fit-tieni parti taghha taghmel riferenza ghall-“artikolu 43(1) u 17 tal-AL 175 ta’ 2004” meta dawk ir-regolamenti, u cioe’ r-“Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu Ikel” ma fihom ebda artikolu 43(1) waqt li r-regolament 17 indikat jahseb biss ghall-pieni ghar-reati taht l-istess regolamenti.

**13.** B’ danakollu l-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni hi bizzejjed cara li l-fatt kriminuz attribwit lill-imputat jikkonsisti filli huwa mexxa attivita’ turistika billi opera u/jew mexxa u kien responsabbli mill-gestjoni tal-istabbiliment maghruf bhala Kyra’s Inn minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Awotrita’ Kompetenti. In parti l-ghemil materjali tar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, ghalhekk, jikkonsisti filli kien qieghed jopera jew imexxi fid-data relevanti l-istabbiliment maghruf bhala Kyra’s Inn jew kien fl-istess data

responsabbli mill-gestjoni tal-istabbiliment imsemmi. Izda dan ma hux bizzejjed biex tinstab htija ta' dik l-imputazzjoni. L-imputazzjoni tallega li dak l-ghemil jikkostitwixxi attivita turistika u dan l-element huwa ghalhekk l-element determinanti. Skont l-artikolu 2 tal-Att Dwar Servizzi tal-Ivvjaggjar u tat-Turizmu ghal Malta "attivita' turistika", fil-parti tat-tifsira relevanti ghall-kaz odjern, tikkonsisti fi "lukanda, *guest house*, *hostel*, post għall-vaganzi, dar li tintuża biex tipprovdi alloġġ lit-turisti, stabbiliment li jipprovdi ikel, .... u servizzi ohra ta' turizmu". Bir-regola tal-*eiusdem generis* il-frazi generika "u servizzi ohra ta' turizmu" trid tiftiehem bhala servizzi tal-istess xorta tas-servizzi specifici elenkati qabel. Ghalhekk, il-prosekuzzjoni kien jehtigilha tipprova li l-istabbiliment Kyra's Inn kien jikkonsisti f'wiehed mit-tipi tal-istabbilimenti elenkati fit-tifsira ta' "attivita turistika". Il-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni din il-prova ma ghamlithiex sal grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni kif trid il-ligi. Di fatti ma ngiebet ebda prova dwar ix-xorta ta' attivitajiet jew servizzi li huma provduti mill-istabbiliment Kyra's Inn. Ma hux sufficjenti li l-istabbiliment ghandu l-kelma "Inn" fl-isem tieghu u anqas hu sufficjenti li jidher li ghandu licenzja ta' "*snack bar second class*" meta ma jirrizultax x'inhuma s-servizzi li tali licenza tawtorizzah jipprovdi.

**14.** Fi**t-tieni aggravju** tieghu l-Avukat Generali jsostni li la darba l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u cioe' li daqq muzika amplifikata fil-post kummercjali msemmi u sabitu wkoll hati tat-tielet imputazzjoni li opera l-isemmi stabbiliment li jipprovdi l-ikel <u>jew</u> ippermetta id-daqq ta' muzika amplifikata gholja, strument ta' muzika u/jew l-uzu ta' loud speaker u/jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment imsemmi minghajr licenzja l-ewwel Qorti ma kellhiex alternattiva hlief li ssib htija wkoll tal-ewwel imputazzjoni.

**15.** Fl-ewwel lok ghandu jinghad li dan l-aggravju huwa koncepit hazin ghaliex ma hemm xejn li jeskludi li ghalkemm l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzjonijiet taghha dwar l-ewwel imputazzjoni setghet kienet skorretta fil-konkluzjonijiet taghha dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni li f'dan l-istadju, izda, ghaddew in gudikat u ma jistghux jigu varjati.

**16.** Fit-tieni lok, izda, ghandu jigi osservat li dak li hu komuni bejn it-tieni u t-tielet imputazzjoni li dwarhom it-tnejn l-ewwel Qorti sabet htija huwa l-element ta' daqq ta' muzika amplifikata liema element ma jidhol xejn fit-tifsira ta' "attivita' turistika" taht l-Att Dwar Servizzi tal-Ivvjaggjar u tat-Turizmu ghal Malta meta dik l-attivita' hi l-qofol tal-ewwel imputazzjoni li minnha l-imputat gie liberat. Ta min jinnota wkoll li l-element ta' "stabbiliment li jipprovdi l-ikel", li hu element li jiffigura wkoll fit-tifsira ta' "attivita' turistika", fit-tielet imputazzjoni hu dedott fl-alternattiv u ghalhekk fejn l-ewwel qorti sabet htija dwar it-tielet impujtazzjoni mhux necessarjamet sabet htija dwar dan l-element partikolari. Di fatti r-regolamenti 38(2)(a) u 38(2)(d) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 jirrigwardaw unikament id-daqq ta' muzika u mhux l-ghoti ta' servizz ta' ikel. Waqt li l-artikolu 18(1)(a) tal-Kap 441, ukoll citat fis-sentenza appellata, jirrgwarda l-piena. Ghalhekk ma hu minnu xejn li s-sejbien ta' htija tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni kien necessarjament ifisser htija wkoll tal-ewwel imputazzjoni.

**17.** Ghaldaqstant kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni aggravju tal-appellant qieghdin jigu michuda.

Ghall-motivi premessi l-appell tal-Avukat Generali qieghed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------